MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 822/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm204.82) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 99459534.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat konterstwalment mal-Avviz u bl-interessi kontra l-koonvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm204.82), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------